MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Numru. 476/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Fabian Catania, bin Francis u Pauline nee` Grech, imwieled Attard, fis-7 ta' Novembru 1975 u joqghod f'Jasmine, 19, Triq San Guzepp, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita numru 544275(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru 2011 u qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, flus kontanti u oggetti ghall-valur ta' €2,329.37 ghad-dannu tal-kumpanija Eurosport Limited.

2) Aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsen minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat,, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat obbliga ruhu li jirrifondi l-flus mehuda indebitament lill-parte leza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 293, 294, 310(1)(a), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlettax (13) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu tta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din s-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 28H tak-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati jhalls lir-rapprezenant tal-Eurosport Limited is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------